

Brussell, 17 ta' April 2026  
(OR. en)

8316/26

ENV 370  
MI 356  
IND 259  
CONSUM 124  
COMPET 446  
MARE 9  
PECHE 124  
RECH 175  
SAN 227  
ENT 76  
ECOFIN 489

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 160 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar ir-rapportar tal-Istati Membri dwar l-oġġetti tal-plastik li jintużaw darba biss (SUP) u dwar l-irkaptu tas-sajd skont id-Direttiva (UE) 2019/904

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 160 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 160 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 16.4.2026  
COM(2026) 160 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar ir-rapportar tal-Istati Membri dwar l-oġġetti tal-plastik li jintużaw darba biss  
(SUP) u dwar l-irkaptu tas-sajd skont id-Direttiva (UE) 2019/904**

**Rieżami tad-data u l-informazzjoni rrapportati f'konformità mal-Artikolu 13(3) tad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent**

## Werrej

1. Sfond u skop tar-rapport .....	1
2. Riżultati tar-rapportar .....	1
Ħarsa ġenerali skont l-entrata .....	3
Entrata A: Ammonti introdotti fis-suq ta' tazez għax-xorb (CfBs) u kontenituri tal-ikel (FCs) .....	3
Entrata B: Miżuri għat-tnaqqis tal-konsum għat-tazez għax-xorb u għall-kontenituri tal-ikel.....	7
Entrata C: Ġbir separat ta' fliexken tax-xorb tal-SUP.....	8
Entrata D: Ammonti ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik introdott fis-suq u miġbur bħala skart.....	10
3. Organizzazzjoni tal-ġbir tad-data u kwalità tad-data .....	12
Organizzazzjoni tal-ġbir tad-data .....	12
Kwalità tad-data .....	13
Sorsi tad-data u metodoloġiji .....	13
Kompletezza .....	14
Affidabbiltà.....	14
Tempestività .....	15
Konsistenza.....	15
4. Rakkomandazzjonijiet għal titjib .....	15
5. Konklużjonijiet.....	16
6. Annessi .....	18
Anness 1: Miżuri ta' tnaqqis tal-konsum skont il-kategorija u s-subkategorija (entrata (b)) .....	18
Anness 2: Miżuri li jstabilixxu miri kwantitattivi biex jitnaqqas il-konsum tas-CfBs u tal-FCs tal-SUP (entrata (b)).....	22
Anness 3: Rata ta' ġbir separat għall-fliexken tal-SUP (entrata (c)) u skemi ta' rifużjoni tad-depożitu stabbiliti.....	24
Anness 4: Fliexken tax-xorb tal-SUP introdotti fis-suq u miġbura separatament, valuri assoluti u <i>per capita</i> (entrata (c)) .....	25
Anness 5: Data rrapportata diżaggregata skont il-materjal u t-tip ta' rkaptu tas-sajd (entrata (d)) .....	26
Anness 6: Irkaptu tas-sajd introdott fis-suq u rkaptu tas-sajd skartat miġbur (entrata (d)) b'rabta mat-tunnellaġġ tal-flotta tas-sajd skont il-pajjiż.....	29
Anness 7: Istituzzjonijiet responsabbli għar-rapportar u d-dati tar-rapportar tad-Direttiva dwar l-SUP .....	30
Anness 8: Sommarju tar-riżultati tal-istħarriġ imwettaq lill-pajjiżi rapportaturi.....	32
Anness 9: Sorsi tad-data u metodoloġiji .....	35
Anness 10: Metodi ta' verifika u kwistjonijiet ta' akkuratezza identifikati.....	37

## 1. Sfond u skop tar-rapport

Id-Direttiva 2019/904 tal-Unjoni Ewropea u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent ("id-Direttiva dwar il-plastik li jintuża darba biss (SUP, Single Use Plastics)") għandha tliet għanijiet: (i) li tipprevjeni u tnaqqas l-impatt negattiv ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem; (ii) li tippromwovi ekonomija ċirkolari; u (iii) li tikkontribwixxi għal suq intern li jiffunzjona tajjeb.

Skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-SUP, l-Istati Membri huma meħtieġa jirrapportaw l-informazzjoni deskritta fit-Tabella 1 fi żmien 18-il xahar mit-tmiem tas-sena ta' referenza rispettiva, flimkien ma' rapport ta' verifika tal-kwalità li jiddeskrivi, fost affarijiet oħra, il-metodi użati għall-kalkoli u għall-verifika u l-kontroll tad-data. Il-Kummissjoni adottat serje ta' deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-metodoloġiji u l-formati kemm għar-rapportar tad-data kif ukoll għar-rapporti ta' verifika tal-kwalità.

Dan ir-rapport jipprovdi valutazzjoni tal-informazzjoni rrapportata għas-sena ta' referenza 2022, kif meħtieġ mill-Artikolu 13(3) tad-Direttiva dwar l-SUP, li t-test tagħha jinsab hawn taħt.

*Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina d-data u l-informazzjoni rrapportati f'konformità ma' dan l-Artikolu (13) u tippubblika rapport dwar ir-risultati tar-rieżami tagħha. Ir-rapport għandu jivvaluta l-organizzazzjoni tal-ġbir tad-data u l-informazzjoni, is-sorsi tad-data u l-informazzjoni u l-metodoloġija użata fl-Istati Membri, kif ukoll il-kompletezza, l-affidabbiltà, il-puntwalità u l-konsistenza ta' dik id-data u dik l-informazzjoni. Il-valutazzjoni tista' tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għat-titjib. Ir-rapport għandu jitfassal wara l-ewwel rrapportar tad-data u l-informazzjoni mill-Istati Membri u sussegwentement f'intervalli previsti fl-Artikolu 12(3c) tad-Direttiva 94/62/KE.*

Barra minn hekk, ir-rapport:

- jagħti ħarsa ġenerali lejn id-data u l-informazzjoni rrapportati;
- jivvaluta l-kwalità tad-data fid-dawl tal-kriterji elenkati fl-Artikolu 13(3);
- joffri rakkomandazzjonijiet dwar kif jista' jittejjeb ir-rapportar fis-snin sussegwenti.

L-analiżi li tirfed dan ir-rapport kienet appoġġata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Analiżijiet aktar dettaljati jistgħu jinstabu fir-rapport estiż (EEA, 2025). Minbarra l-Istati Membri (SM) tal-UE, dan ir-rapport ikopri wkoll id-data u l-informazzjoni ppreżentati mill-istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA, European Free Trade Association) li jappartjenu għaż-Żona Ekonomika Ewropea (l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja).

## 2. Riżultati tar-rapportar

Din it-taqsimha tippreżenta d-data rrapportata skont l-entrata ta' rapportar (mill-entrata (a) sal-entrata (d) kif indikat fit-Tabella 1), supplimentata b'kalkoli addizzjonali tal-valuri *per capita* u totali. Is-sett sħiħ ta' data u informazzjoni rrapportati [huwa disponibbli hawnhekk](#).

L-informazzjoni ppreżentata għandha titqies b'kawtela kemm minħabba l-metodoloġiji differenti li ntużaw minn pajjiżi differenti kif ukoll minħabba kwistjonijiet ta' akkuratizza (ara l-Kapitolu 3 dwar il-kwalità tad-data). Għalhekk, il-paraguni bejn il-pajjiżi (eż. tal-valuri *per capita*) jistgħu ma jkunux partikolarment sinifikattivi. Madankollu, il-valuri *per capita* u totali ġew ikkalkolati għall-pajjiżi li rrapportaw dwar l-entrata rispettiva biex tingħata ħarsa ġenerali aħjar lejn l-istampa kurrenti.

**Tabella 1: Obbligi ta' rapportar skont id-Direttiva dwar l-SUP.**

Data u informazzjoni	Imsemmija f'dan ir-rapport bħala	Bażi legali għar-rapportar	Sena ta' referenza	L-ewwel rapportar dovut mill-SM	Mira / objettivi
Ammonti mqiegħda fis-suq għal: - tazez għax-xorb - kontenituri tal-ikel	Entrata (a)	<b>L-Artikolu 13(a) tad-Direttiva dwar l-SUP:</b> Data dwar prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness li jkunu ġew introdotti fis-suq tal-Istat Membru kull sena, sabiex jintwera t-tnaqqis fil-konsum f'konformità mal-Artikolu 4(1). <b><u>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/162.</u></b>	2022	Tmiem ta' Ġunju 2024	Tnaqqis ambizzjuż u sostnut (2022-2026). Barra minn hekk, id-data rrapportata se tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-SUP, li se tinkludi valutazzjoni tal-possibbiltà li jiġu introdotti miri vinkolanti għat-tnaqqis tal-konsum tat-tazez għax-xorb u tal-kontenituri tal-ikel.
Miżuri meħuda biex jitnaqqas il-konsum ta': - tazez għax-xorb - kontenituri tal-ikel	Entrata (b)	<b>L-Artikolu 13(b) tad-Direttiva dwar l-SUP:</b> Informazzjoni dwar il-miżuri meħuda mill-Istat Membru għall-finijiet tal-Artikolu 4(1). <b><u>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/162.</u></b>	2022	Tmiem ta' Ġunju 2024	
Ġbir separat ta' fliexken tax-xorb tal-SUP	Entrata (c)	<b>L-Artikolu 13(c) tad-Direttiva dwar l-SUP:</b> Data dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jkunu nġabru separatament fl-Istat Membru kull sena, sabiex jintwera li ntlaħqu l-miri f'konformità mal-Artikolu 9(1). <b><u>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1752.</u></b>	2022	Tmiem ta' Ġunju 2024	Sal-2025, 77 %. Sal-2029, 90 %. (kollha skont il-piż)
Irkaptu tas-sajd li fih il-plastik: - ammonti introdotti fis-suq  - ammonti miġbura bħala skart	Entrata (d)	<b>L-Artikolu 13(d) tad-Direttiva dwar l-SUP:</b> Data dwar irkaptu tas-sajd li fih il-plastik introdott fis-suq u dwar irkaptu tas-sajd skartat miġbur fl-Istat Membru kull sena. <b><u>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/958.</u></b>	2022	Tmiem ta' Ġunju 2024	L-ebda mira, iżda l-Istati Membri li għandhom ilmijiet tal-baħar huma meħtieġa jstabbilixxu r-rati nazzjonali annwali ta' għir tagħhom għall-irkaptu tas-sajd skartat li fih il-plastik għar-riċiklaġġ mill-1 ta' Jannar 2025. Barra minn hekk, id-data rrapportata fl-2024 (għall-2022) se tipprovi l-bażi għal valutazzjoni ta' miżuri ulterjuri possibbli skont l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-SUP, inkluż li potenzjalment jiġu stabbiliti rati ta' għir vinkolanti għall-irkaptu tas-sajd skartat.
Kontenut riċiklat fil-fliexken tax-xorb tal-SUP	Entrata (e)	<b>L-Artikolu 13(e) tad-Direttiva dwar l-SUP:</b> Informazzjoni dwar kontenut riċiklat fi fliexken tax-xorb elenkati fil-Parti F tal-Anness biex jintwera li ntlaħqu l-miri stabbiliti fl-Artikolu 6(5). <b><u>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2683.</u></b>	2023	Tmiem ta' Ġunju 2025	Sal-2025, 25 % għall-fliexken tax-xorb tal-SUP magħmula mill-PET. Sal-2030, 30 % għall-fliexken kollha tax-xorb tal-SUP.
Skart wara l-konsum mill-filtri għall-prodotti tat-tabakk	Entrata (f)	<b>L-Artikolu 13(f) tad-Direttiva dwar l-SUP:</b> Data dwar l-iskart wara l-konsum ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fit-Taqsima III tal-Parti E tal-Anness li jkun inġabar f'konformità mal-Artikolu 8(3). <b><u>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2267.</u></b>	2023	Tmiem ta' Ġunju 2025	-

## Ħarsa ġenerali skont l-entrata

29 pajjiż irrapportaw data u informazzjoni skont id-Direttiva dwar l-SUP għall-2022 (l-SM kollha tal-UE u żewġ pajjiżi taż-ŻEE-EFTA). Ir-riżultati ewlenin huma elenkati fit-Tabella 2.

Tabella 2: Riżultati fil-qosor skont l-entrati ta' rapportar għall-SM tal-UE għall-2022.

	Introdotti fis-suq (entrata (a))	Miżuri biex jitnaqqas il-konsum (entrata (b))
<b>Tazez għax-xorb ("CfBs", Cups for Beverages) u kontenituri tal-ikel ("FCs", Food Containers) (entrati (a) u (b))</b>	<p>Abbażi tal-piż (data minn 20 SM tal-UE):</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>152 037 tunnellata ta' plastik mis-CfBs (0,46 kg <i>per capita</i>)</li> <li>524 003 tunnellati mill-FCs (1,60 kg <i>per capita</i>)</li> </ul> <p>Abbażi tal-għadd ta' prodotti (data minn 11-il SM tal-UE):</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>17-il biljun CfB (97 <i>per capita</i>)</li> <li>111-il biljun FC (636 <i>per capita</i>)</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Strumenti ekonomiċi (27 SM tal-UE)</li> <li>Sensibilizzazzjoni (25 SM tal-UE)</li> <li>Promozzjoni ta' alternattivi sostenibbli (25 SM tal-UE)</li> <li>Miri kwantitattivi għat-tnaqqis tas-CfBs u tal-FCs introdotti fis-suq (14-il SM)</li> </ul>
	Introdotti fis-suq	Ġbir separat
<b>Fliexken tax-xorb (entrata c)</b>	2,54 miljun tunnellata (5,7 kg <i>per capita</i> ) (data minn 27 SM tal-UE)	1,8 miljun tunnellata, li jammontaw għal rata totali ta' ġbir separat ta' 71 % (data minn 26 SM tal-UE; mira tal-2025: 77 %)
<b>Irkaptu tas-sajd (entrata d)</b>	22 900 tunnellata (data minn 23 SM tal-UE)	7 500 tunnellata, li jammontaw għal rata totali ta' ġbir ta' 32,7 % (data minn 20 SM tal-UE)

## Entrata A: Ammonti introdotti fis-suq ta' tazez għax-xorb (CfBs) u kontenituri tal-ikel (FCs)

Minn 27 pajjiż (25 SM tal-UE u żewġ pajjiżi taż-ŻEE-EFTA) li rrapportaw l-ammonti ta' CfBs u FCs introdotti fis-suq, 15 irrapportaw biss skont il-piż, sitta biss skont l-għadd ta' prodotti u sitta rrapportaw it-tnejn. L-ebda pajjiż ma uża l-għażla li jaġġusta dawn il-kwantitajiet għall-movimenti lejn u minn Stati Membri oħra jew lejn u minn pajjiżi mhux tal-UE.


Il-valuri rrapportati jvarjaw ħafna bejn il-pajjiżi skont il-prodott, il-metrika (il-piż tal-plastik fl-oġġetti u l-piż totali tal-oġġetti) u l-modalità tar-rapportar (skont il-piż jew skont l-għadd ta' prodotti). Għall-valuri bbażati fuq il-piż (Illustrazzjoni 1(a)), total ta' 526 482 tunnellata (li 524 003 tunnellati minnhom kienu mill-SM tal-UE) ta' plastik mill-FCs u 152 290 tunnellata (152 037 tunnellata mill-SM tal-UE) ta' CfBs ġew irrapportati li ġew introdotti fis-suq fl-2022. Dan jikkorrispondi għal valuri *per capita* ta' 1,60 kg ta' plastik mill-FCs u 0,46 kg mis-CfBs<sup>1</sup> (dawn il-valuri japplikaw ukoll għas-subsett li jinkludi biss l-SM tal-UE). Il-piż totali, inklużi l-komponenti mhux tal-plastik, kien ta' 637 456 tunnellata (li 634 744 minnhom kienu mill-SM tal-UE) mill-FCs u 218 469 tunnellata (li 218 092 minnhom kienu mill-SM tal-UE) mis-CfBs. Għall-oġġetti magħmula parzjalment mill-plastik, il-kontenut medju tal-plastik (fuq

<sup>1</sup> Fir-rapport kollu, il-valuri *per capita* ġew ikkalkolati bħala l-proporzjon bejn is-somma tal-piż diviża bil-popolazzjoni totali fil-pajjiżi li rrapportaw. Id-data dwar il-popolazzjoni ġejja mill-Eurostat (il-popolazzjoni medja tal-pajjiżi għas-sena 2022, [Eurostat \(2024a\)](#)).

medja fil-pajjiżi tal-UE u taż-ŻEE/EFTA) kien ta' 27,8 % tal-piż totali għas-CfBs u qrib it-30 % għall-FCs (dawn il-valuri huma kważi l-istess għas-subsett li jinkludi biss l-SM tal-UE). Il-valuri għall-FCs kienu influwenzati ħafna minn għadd żgħir ta' pajjiżi li rrapportaw ċifri għoljin ħafna (ara l-Illustrazzjoni 2 u l-Illustrazzjoni 3). B'kollox, l-ammonti rrapportati jirrappreżentaw 7,9 % tal-volum tal-iskart tal-plastik mill-imballaġġ<sup>2</sup> iġġenerat fl-istess pajjiżi.

Skont l-għadd ta' prodotti (Illustrazzjoni 1(b)), 17,3 biljun (li minnhom 17-il biljun kienu mill-SM tal-UE) CfB u 111,1 biljun (111,06 mill-SM tal-UE) FC ġew irrapportati li ġew introdotti fis-suq fl-2022. Dawn iċ-ċifri totali jikkorrispondu għal 95,9 (97 għall-SM tal-UE) CfB u 616,7 (636 għall-SM tal-UE) FC *per capita*. 88,5 % (88,8 % għall-SM tal-UE) tal-għadd totali kienu prodotti magħmula kompletament mill-plastik.

**Illustrazzjoni 1: CfBs u FCs tal-SUP introdotti fis-suq fl-UE fl-2022, valuri assoluti totali bbażati fuq il-piż (a) u bbażati fuq l-għadd ta' prodotti (b).**





<sup>2</sup> Ikkalkulat *ad hoc* għal din il-valutazzjoni, bħala d-diviżjoni tal-piż tal-plastik taż-żewġ prodotti koperti fl-entrata (a) u l-iskart mill-imballaġġ iġġenerat, meta jitqies is-subsett ta' pajjiżi li rrapportaw din l-entrata. Il-piż tal-plastik tal-oġġett iqis il-piż ta' oġġetti magħmula kompletament mill-plastik u l-kontenut tal-plastik ta' oġġetti magħmula parzjalment mill-plastik. L-iskart tal-plastik iġġenerat mill-imballaġġ huwa meħud mill-istatistika tal-Eurostat "[Packaging waste by waste management operations](#)". Dan il-paragun għandu jitqies biss bħala indikatur limitat. L-iskart tal-plastik mill-imballaġġ xorta għandu mnejn jiġi sottovalutat f'xi pajjiżi, kif instab fil-valutazzjonijiet ta' twissija bikrija (EEA, 2022).

Nota: L-Illustrazzjoni 1(a) hija bbażata fuq data minn 20 SM tal-UE. L-Illustrazzjoni 1(b) hija bbażata fuq data minn 11-il SM tal-UE. Ara d-diżaggregazzjoni skont il-pajjiż fl-Illustrazzjoni 2.

**Illustrazzjoni 2: Tazew għax-xorb (CfBs) u kontenituri tal-ikel (FCs) tal-SUP li ġew introdotti fis-suq fl-2022 (għall-SM tal-UE u l-pajjiżi taż-ŻEE-EFTA), valuri assoluti skont il-pajjiż abbażi tal-piż (a) u l-valuri *per capita* (b). Il-pajjiżi li ma jidhrux fil-graff ma rrapportawx data bbażata fuq dan l-approċċ.**


L-Illustrazzjoni 2(a) turi d-data rrapportata mill-pajjiżi u l-Illustrazzjoni 2(b) il-valuri *per capita*, b'varjazzjoni sinifikanti bejn il-pajjiżi.



Nota: \* Pajjiżi taż-ŻEE-EFTA.

**Illustrazzjoni 3: Tazex għax-xorb (CfBs) u kontenituri tal-ikel (FCs) tal-SUP li ġew introdotti fis-suq fl-2022 (SM tal-UE u l-pajjiżi taż-ŻEE-EFTA), valuri assoluti skont il-pajjiż abbażi tal-għadd ta' prodotti (a) u l-valuri *per capita* (b). Il-pajjiżi li ma jidhrux fil-graff ma rrapportawx data bbażata fuq dan l-approċċ.**

L-Illustrazzjoni 3 turi d-data rrapportata abbażi tal-għadd ta' prodotti, f'ammonti assoluti (a) u valuri *per capita* (b).




Nota: \* Pajjiżi taż-ŻEE-EFTA.

## Entrata B: Miżuri għat-tnaqqis tal-konsum għat-tazew għax-xorb u għall-kontenituri tal-ikel

Il-mudell ta' rapportar ipprova lista ta' miżuri kklassifikati skont il-kategorija u s-subkategorija, u l-pajjiżi ntabu jindikaw liema minn dawn il-miżuri kienu applikaw. Il-pajjiżi kollha ddikjaraw li użaw strumenti ekonomiċi, u l-biċċa l-kbira qalu li kienu ħadu miżuri biex iqajmu kuxjenza u jippromwovu alternattivi sostenibbli (Illustrazzjoni 4). Għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, il-miżuri rrapportati għat-tazew għax-xorb u għall-kontenituri tal-ikel kienu l-istess.

Illustrazzjoni 4: L-għadd ta' pajjiżi b'miżuri ta' tnaqqis tal-konsum fis-seħħ għas-CfBs u għall-FCs tal-SUP fl-2022 (SM tal-UE u pajjiżi taż-ŻEE-EFTA).




Il-miżuri ta' spiss ikunu marbuta ma' politiki dwar l-imbagg jew mal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-SUP. Xi miżuri rrapportati se jidħlu fis-seħħ aktar tard u għadhom ma humiex riflessi f'dan ir-rapport.

Is-subkategoriji ta' miżuri li ġew irrapportati ta' spiss kienu: (i) l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur (20 SM tal-UE); (ii) il-kampanji biex titqajjem kuxjenza dwar l-impatti ambjentali negattivi (21 SM tal-UE); (iii) il-promozzjoni ta' alternattivi sostenibbli għal dawn il-prodotti SUP (eż. kontenituri tal-ikel li jistgħu jerġgħu jintużaw) (19-il SM tal-UE); (iv) l-obbligi jew l-inċentivi għan-negozji biex jipprovdur alternattivi sostenibbli għall-prodotti SUP fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali (17-il SM tal-UE); u (v) il-promozzjoni ta' sorsi pubbliċi b'xejn ta' ilma tax-xorb li jħeġġu lin-nies iġibu tazza li tista' terġa' timtela jew li jixorbu mill-vit (14-il SM tal-UE). 14-il SM tal-UE qalu li kienu introduċew miri kwantitattivi għat-tnaqqis tal-ammont ta' CfBs u FCs tal-SUP introdotti fis-suq. Ara l-Anness 1 għas-sett sħiħ ta' miżuri skont il-kategorija u s-subkategorija u l-Anness 2 għad-dettalji dwar il-miri kwantitattivi.

L-għadd totali ta' miżuri fis-seħħ kien iwarja fost il-pajjiżi (Illustrazzjoni 5). Ta' min jinnota li l-pajjiżi spiss irreferew għall-istess strument ta' politika taħt kategoriji u subkategoriji differenti ta' miżuri. Xi pajjiżi elenkaw aktar minn politika waħda bħala referenza għal subkategorija speċifika.

**Illustrazzjoni 5: Miżuri ta' tnaqqis tal-konsum fis-seħħ għas-CfBs u għall-FCs tal-SUP fl-2022 (SM tal-UE u pajjiżi taż-ŻEE-EFTA).**



Nota: \* Pajjiżi taż-ŻEE-EFTA.

Dawn iċ-ċifri ma jagħtu l-ebda indikazzjoni tal-grad ta' infurzar u l-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri msemmija. Barra minn hekk, ma huwiex possibbli li jiġi vvalutat jekk il-miżuri rrapportati humiex proporzjonati u nondiskriminatorji.

### Entrata C: Ġbir separat ta' fliexken tax-xorb tal-SUP

Id-29 pajjiż kollha (27 tal-UE u tnejn taż-ŻEE-EFTA) irrapportaw data dwar il-piż tal-fliexken tax-xorb tal-SUP introdotti fis-suq. Xi pajjiżi semmew l-impatt tal-movimenti ta' dawn il-fliexken bejn il-pajjiżi tal-UE u l-esportazzjonijiet/l-importazzjonijiet minn pajjiżi mhux tal-UE fid-data rrapportata<sup>3</sup>, iżda dawn il-pajjiżi ma rrapportaw ċifri separati għall-ebda wieħed minn dawn il-fenomeni<sup>4</sup>. Erba' SM tal-UE użaw l-għażla mogħtija fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1752 biex jistmaw l-ammonti ta' fliexken introdotti fis-suq bħala l-piż tal-iskart iġġenerat minn dan il-prodott. F'dan il-każ, il-pajjiżi kienu meħtieġa jirrapportaw ammonti bbażati fuq erba' flussi ta' skart: (i) l-iskart miġbur separatament skont ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva dwar l-SUP<sup>5</sup>; (ii) l-iskart miġbur

<sup>3</sup> Pereżempju, l-Estonja semmiet l-influssi minn pajjiżi ġirien bħala raġuni għaliex għandha ċifri oġhla għall-ġbir separat milli għall-introduzzjoni fis-suq, u Malta ddikjarat l-importanza li jitqiesu l-influssi minn pajjiżi oħra matul l-istaġun tas-sajf.


<sup>4</sup> Spanja biss irrapportat valuri ta' zero abbażi tas-suppożizzjoni li l-flussi 'l ġewwa u 'l barra jiġu bbilanċjati.

<sup>5</sup> Fejn tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

separatament iżda mhux f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-SUP; (iii) skart muniċipali mħallat; u (iv) l-iskart mormi. Ġiet ipprovduta data dwar il-flussi kollha ħlief (ii).


Total ta' 2,56 miljun tunnellata (li 2,54 miljun minnhom kienu mill-SM tal-UE) ta' fliexken tax-xorb tal-SUP ġew irrapportati li ġew introdotti fis-suq fl-2022, li jikkorrispondu għal 5,7 kg *per capita* (applikabbli wkoll għas-subsett tal-SM tal-UE). 1,83 miljun tunnellata (li 1,8 miljun minnhom kienu mill-SM tal-UE) ġew irrapportati li nġabru separatament skont ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva dwar l-SUP, li jammontaw għal rata totali ta' ġbir separat ta' 71 % għall-SM tal-UE (71,2 % meta jitqiesu wkoll il-pajjiżi taż-ŻEE-EFTA) (Illustrazzjoni 6). 12 (10 SM tal-UE) mis-26 pajjiż rapportatur irrapportaw rati ta' ġbir separat ogħla mill-mira tal-2025 ta' 77 % stabbilita mid-Direttiva dwar l-SUP, filwaqt li sitt SM tal-UE saħnsitra rrapportaw rati ta' ġbir separat ogħla mill-mira tal-2029 ta' 90 % (Illustrazzjoni 7).

**Illustrazzjoni 6: Fliexken tax-xorb tal-SUP introdotti fis-suq u miġbura separatament (SM tal-UE), valuri totali fl-2022.**



**Illustrazzjoni 7: Rata ta' ġbir separat għall-fliexken tax-xorb tal-SUP skont il-pajjiż fl-2022 (SM tal-UE u l-pajjiżi taż-ŻEE-EFTA).**

- (a) l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss ikun inġabar separatament għar-riċiklaġġ minn kwalunkwe skart ieħor;
- (b) l-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss ikun inġabar flimkien ma' skart ieħor ta' frazzjonijiet ta' imballaġġ ta' skart muniċipali jew ma' frazzjonijiet tal-plastik, tal-metall, tal-karta jew tal-ħġieġ li ma humiex imballaġġ ta' skart muniċipali miġbur separatament għar-riċiklaġġ, u: (i) is-sistema ta' ġbir ma tiġborx l-iskart li x'aktarx ikun fih sustanzi perikolużi; (ii) il-ġbir tal-iskart u s-separazzjoni sussegwenti jkunu mfassla u mwettqa b'tali mod li tiġi minimizzata l-kontaminazzjoni tal-iskart ta' fliexken li jintużaw darba biss miġbur mill-iskart tal-plastik li ma joriġinax minn tali fliexken u skart ieħor; u (iii) l-operaturi tal-iskart jistabbilixxu sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità sabiex jivverifikaw li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (i) u (ii) ikunu ssodisfati.



Nota: Il-pajjiżi huma f'ordni skont ir-rata ta' ġbir separat. Is-Slovenja ma rrapportatx data.

B'mod partikolari, 10 mit-12-il pajjiż li diġà laħqu l-mira tal-2025 fl-2022 għandhom skemi ta' rifiżjoni tad-depożitu (DRS, Deposit-Refund Scheme) stabbiliti għall-fliexken tax-xorb tal-SUP. Dan juri l-effettività tad-DRS, li l-Istati Membri se jkollhom jintroduċu skont ir-Regolament il-ġdid dwar l-Imballaġġ u l-iskart mill-Imballaġġ. Ħafna pajjiżi diġà qed jistabbilixxu dawn it-tipi ta' skemi jew qed jipplanaw li jagħmlu dan dalwaqt (ara l-Anness 3 għal aktar dettalji).

L-ammonti ta' fliexken tax-xorb tal-SUP introdotti fis-suq varjaw b'mod sinifikanti bejn il-pajjiżi fl-2022 (ara l-valuri assoluti u *per capita* fl-Anness 4). Kif mistenni, il-pajjiżi bl-akbar popolazzjonijiet irrapportaw l-oġġla ammonti assoluti (il-Ġermanja, l-Italja, Franza, il-Polonja u Spanja). Madankollu, Malta u Ċipru rrapportaw l-oġġla valuri *per capita*. Fir-rigward tal-ġbir separat, 23 (22 SM tal-UE) pajjiż irrapportaw fliexken tal-SUP miġbura separatament li nġabru flimkien ma' flussi oħra ta' skart. 18-il pajjiż irrapportaw ammonti ta' fliexken tal-SUP miġbura separatament minn kwalunkwe fluss ta' skart ieħor, l-aktar permezz tad-DRS. Il-bqija tal-pajjiżi ma rrapportawx valuri għajr zero, minħabba jew: (i) nuqqas ta' sistemi stabbiliti għall-ġbir separat minn kwalunkwe fluss ieħor ta' skart; (ii) il-ġbir tal-fliexken iseħħ flimkien ma' flussi oħra ta' skart xott; jew (iii) xi pajjiżi ma humiex ċerti jekk is-sistemi tagħhom humiex kapaċi jiġbru l-fliexken kompletament separati minn kwalunkwe fluss ieħor ta' skart.

## Entrata D: Ammonti ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik introdott fis-suq u miġbur bħala skart


Total ta' 25 pajjiż (23 SM tal-UE u żewġ pajjiżi taż-ŻEE-EFTA) irrapportaw data dwar irkaptu tas-sajd li fih il-plastik introdott fis-suq, u 22 minn dawn il-pajjiżi (20 SM tal-UE u żewġ pajjiżi taż-ŻEE-EFTA) irrapportaw data dwar irkaptu tas-sajd skartat miġbur. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi rrapportaw biss id-data obbligatorja, jiġifieri l-ammonti totali tal-irkaptu tas-sajd mingħajr ebda diżaggregazzjoni ulterjuri. Madankollu, sitt pajjiżi (ħames SM tal-UE) ipprovdew diżaggregazzjoni ulterjuri tad-data, jew skont it-tip ta' rkaptu tas-sajd jew skont il-materjal (plastik, metall, gomma) (ara l-Anness 5 għad-data diżaggregata).

Għall-2022, total ta' 67 000 tunnellata (li 22 900 minnhom kienu mill-SM tal-UE) ta' rkaptu tas-sajd ġew irrapportati li ġew introdotti fis-suq, u 24 700 tunnellata (li 7 500 minnhom kienu mill-SM tal-UE)

bħala rkaptu tas-sajd skartat miġbur<sup>6</sup>. Dan ifisser rata totali ta' ġbir ta' 32,7 % għall-SM tal-UE (36,8 % meta jiġu inklużi wkoll il-pajjiżi taż-ŻEE-EFTA) (Illustrazzjoni 8). Ir-rati ta' ġbir varjaw bejn il-pajjiżi minn 0 % għal valuri oġħla minn 100 % (Illustrazzjoni 9) (dawn tal-aħħar ikunu ġeneralment għal pajjiżi b'kosta estensiva). B'mod ġenerali, il-pajjiżi mingħajr kosta ddikjaraw valuri ta' 0 % kemm għall-ammonti introdotti fis-suq kif ukoll għal dawk miġbura, anke jekk l-irkaptu tas-sajd jista' possibbilment jitqiegħed fis-suq tagħhom. Għalkemm id-Direttiva dwar l-SUP ma tistabbilix miri kwantitattivi vinkolanti għall-ġbir, l-Istati Membri b'ilmijiet tal-baħar huma meħtieġa jstabbilixxu rati nazzjonali annwali ta' ġbir għall-irkaptu tas-sajd skartat li fih il-plastik għar-riċiklaġġ mill-1 ta' Jannar 2025. Id-data rrapportata din is-sena se tipprova l-bażi għall-valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' miri ta' ġbir vinkolanti wara l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-SUP fl-2027.

L-ammonti ta' rkaptu tas-sajd introdotti fis-suq u miġbura varjaw ħafna bejn il-pajjiżi (Illustrazzjoni 10), b'korrelazzjoni qawwija bejn: (i) l-ammonti introdotti fis-suq u l-ammonti miġbura; u (ii) dawk il-valuri u t-tunnellaġġ tal-flotta tas-sajd f'kull pajjiż (ara l-Anness 6 għad-data relattiva għad-daqs tal-flotta tas-sajd). Il-valuri tal-pajjiżi varjaw minn ftit tunnelli għal aktar minn 42 000 tunnelli introdotti fis-suq u sa 15 000 tunnelli ta' rkaptu tas-sajd skartat miġbur. L-oġħla ammonti introdotti fis-suq ġew irrapportati min-Norveġja, il-Litwanja, Franza u l-Portugall. Dan jidher li jirrifletti parzjalment sitwazzjonijiet differenti f'pajjiżi differenti, iżda jirrifletti parzjalment ukoll id-differenzi fl-isforzi tal-ġbir tad-data (ara t-taqsim "Sorsi tad-data u metodoloġiji"), peress li l-pajjiżi spiss iddikjaraw diffikultajiet biex jirrapportaw data akkurata (ara t-taqsim "Affidabbiltà").


**Illustrazzjoni 8: Irkaptu tas-sajd introdott fis-suq u rkaptu tas-sajd skartat miġbur, valuri totali għall-2022 (SM tal-UE u pajjiżi taż-ŻEE-EFTA).**



Nota: Data li ntalbet li tibqa' kunfidenzjali hija eskluża miċ-ċifra.


**Illustrazzjoni 9: Rata ta' ġbir ta' rkaptu tas-sajd skartat skont il-pajjiż, 2022 (SM tal-UE u pajjiżi taż-ŻEE-EFTA).** Sors: kalkolu proprju bbażat fuq id-data rrapportata, bħala l-ammonti introdotti fis-suq diviżi bl-ammonti miġbura.

<sup>6</sup> Data li ntalbet li tibqa' kunfidenzjali hija eskluża miċ-ċifra u mill-valuri totali.



Nota: Il-pajjiżi li rrapportaw id-data huma f'ordni skont ir-rata ta' ġbir tagħhom.

**Illustrazzjoni 10: Irkaptu tas-sajd introdott fis-suq u rkaptu tas-sajd skartat miġbur irrapportati fl-entrata (d), valuri assoluti skont il-pajjiż, 2022 (SM tal-UE u pajjiżi taż-ŻEE-EFTA).**



### 3. Organizzazzjoni tal-ġbir tad-data u kwalità tad-data

#### Organizzazzjoni tal-ġbir tad-data

In-nomina ta' rapportaturi ewlenin ħadet bejn xahar u 8 xhur, b'dewmien minħabba nuqqas ta' personal jew ristrutturar istituzzjonali f'xi pajjiżi. L-aktar istituzzjonijiet frekwenti involuti kienu l-ministeri li jittrattaw ir-responsabbiltajiet ambjentali u l-aġenziji ambjentali nazzjonali (ara l-Anness 7 għal-lista tal-istituzzjonijiet nazzjonali tar-rapportaturi).

Mill-ewwel trimestru tal-2024, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent żviluppat u ttestjat mudelli ta' rapportar, f'isem u f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni. L-Aġenzija ħolqot ukoll materjali ta' appoġġ, inkluż [manwal għar-rapportaturi](#), u organizzat tliet webinar biex tiċċara l-proċess. L-Aġenzija żviluppat [sit web](#) biex tinforma lill-pajjiżi dwar il-qafas legali u tipprovdi aċċess għal mudelli ta' materjali ta' appoġġ. Ingħata appoġġ kontinwu permezz ta' helpdesk.

F'isem il-Kummissjoni, u f'kollaborazzjoni mill-qrib magħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent irreviediet bir-reqqa d-data u l-informazzjoni rrapportati malli waslu u tejbithom flimkien mar-rapportaturi nazzjonali biex jiġi żgurat li l-elementi jkunu ġew irrapportati b'mod korrett, li l-kampijiet obbligatorji jkunu mtlew u l-ispejgazzjonijiet fir-rapport tal-verifika tal-kwalità jkunu jinftehem kompletament. Wara l-fażi tal-ġbir tad-data, il-pajjiżi ntalbu jagħtu feedback permezz ta' kwestjonarju. It-tweġibiet urew livell għoli ta' sodisfazzjon bil-proċess u indikaw l-isfidi tad-data għar-rapportar tal-2025 (ara l-Anness 8 għad-dettalji).

## Kwalità tad-data

Il-pajjiżi użaw sorsi tad-data u metodoloġiji differenti, u ta' spiss enfasizzaw kwistjonijiet ta' akkuratizza. Il-proċess ta' assigurazzjoni tal-kwalità identifika wkoll kwistjonijiet ta' konsistenza frekwenti, li ġew ikkoreġuti kemm jista' jkun billi ġiet ipprovduta gwida simplifikata lir-rapportaturi. Madankollu, ir-rapportaturi nazzjonali setgħu interpretaw ir-rekwiżiti dwar id-data u l-informazzjoni b'mod differenti, pereżempju meta għażlu l-aktar miżuri rilevanti biex inaqqsu l-konsum tal-SUPs fl-entrata (b). Minħabba li ma kienx obbligatorju li jimtlew kampijiet importanti li kienu neċessarji biex jinftehemu ċerti karatteristiċi u limitazzjonijiet tad-data, il-proċess ta' assigurazzjoni tal-kwalità jista' jkun li ma identifika x il-limitazzjonijiet tad-data rilevanti kollha. Għalhekk, ir-riżultati minn dan l-eżerċizzju ta' rapportar tal-ewwel sena għandhom jiġu kkunsidrati b'kawtela. B'mod partikolari, huwa importanti li wieħed joqgħod lura milli jagħmel paraguni tad-data rrapportata bejn il-pajjiżi.

### Sorsi tad-data u metodoloġiji

Il-pajjiżi bbażaw id-data tagħhom fuq varjetà ta' sorsi, spiss aktar minn wieħed, u xi pajjiżi rrapportaw is-sorsi tad-data tagħhom bl-użu ta' klassifikazzjoni differenti minn dik ipprovduta mill-format tar-rapportar<sup>7</sup>. Ħafna pajjiżi enfasizzaw kwistjonijiet dwar il-kwalità tad-data u qalu li mistennija jipprovdwu stimi aħjar is-sena d-dieħla. F'xi każijiet, il-pajjiżi pprovdew ċifri għal snin oħra għajr l-2022, minħabba n-nuqqas ta' data għall-2022.

Għall-**entrata (a)**, is-sistemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR, Extended Producer Responsibility) u l-istħarriġiet dedikati kienu s-sors ewlieni (ara l-Anness 9). Pajjiż wieħed biss (il-Litwanja) uża data mid-DRS (għat-tazze għax-xorb). Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-pajjiżi użaw l-istess sorsi tad-data u metodoloġiji għat-tazze għax-xorb bħal daww għall-kontenituri tal-ikel, u l-pajjiżi spiss ibbażaw fuq id-data dwar il-ġestjoni tal-iskart. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li użaw id-data mis-sistemi tal-EPR irrapportaw abbażi tal-piż. Il-format tar-rapportar għall-**entrata (b)** ma talabx lir-rapportaturi jispeċifikaw il-metodoloġija segwita għar-rapportar ta' din l-entrata. Id-diversità tal-miżuri rrapportati<sup>8</sup> tindika metodoloġiji pjuttost varjati madwar il-pajjiżi. Għall-**entrata (c)** (il-fliexken tax-xorb tal-SUP introdotti fis-suq u miġbura separatament), is-sistemi tad-DRIS u tal-EPR u l-istatistika dwar l-iskart kienu l-aktar sorsi tad-data kkwotati ta' spiss (ara l-Anness 9).

Għall-**entrata (d)** (l-irkaptu tas-sajd introdott fis-suq u l-irkaptu tas-sajd skartat miġbur), l-aktar sorsi użati ta' spiss, u s-sorsi użati mill-pajjiżi li rrapportaw l-oġġla ammonti, kienu sħarriġiet tal-produtturi tal-irkaptu u tal-operaturi tal-portijiet kif ukoll statistika dwar il-kummerċ (ara l-Anness 9). Erba' pajjiżi qalu li użaw data mill-iskemi tal-EPR. L-ebda pajjiż ma qal li kien uża fatturi ta' konverżjoni biex jikseb id-data.

<sup>7</sup> Pereżempju, l-Ungerija rreferiet għal kwistjonijiet bid-data tal-EPR fir-rapport tagħha dwar il-verifika tal-kwalità għall-entrata (a), anke jekk is-sistemi tal-EPR ma ġewx indikati bħala sorsi tad-data li jirfdu r-rapportar.

<sup>8</sup> Pereżempju, b'livelli differenti ta' ambizzjoni, atturi u setturi fil-mira u skala ġeografika.

## Kompletezza

Total ta' 29 pajjiż irrapportaw id-data u l-informazzjoni biex jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom għall-2024 - l-SM kollha tal-UE u żewġ pajjiżi taż-ŻEE-EFTA (l-Iżlanda u n-Norveġja). Dawn il-pajjiżi kollha rrapportaw data għall-entrati (b) u (c), filwaqt li 27 pajjiż irrapportaw data għall-entrata (a) u 25 irrapportaw data għall-entrata (d). Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi rrapportaw biss id-data obligatorja. B'mod ġenerali, l-ebda pajjiż ma pprovda data li tagħmilha possibbli li jiġi vvalutat l-impatt tal-movimenti, tal-kummerċ, tal-profittaturi, tal-bejgħ online jew tar-regoli *de minimis*. Għall-entrata (b), id-data obligatorja kienet limitata ħafna, u dan għamilha diffiċli biex jiġu identifikati u mifhuma l-miżuri fis-seħħ<sup>9</sup>. Għar-rapportar tal-entrata (a), xi kampijiet obligatorji kienu neqsin fir-rapporti tal-pajjiżi, spiss minħabba jew: (i) data limitata dwar oġġetti magħmula parzjalment mill-plastik; jew (ii) statistika li ma kinitx tagħmel distinzjoni bejn oġġetti magħmula kompletament mill-plastik u oġġetti magħmula parzjalment mill-plastik. Għall-entrata (c), ġew irrapportati valuri żero jew ma ġie rrapportat l-ebda valur għall-iskart li nġabar separatament b'mod li ma kienu f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-SUP. Għall-entrata (d): (i) mhux il-pajjiżi kollha rrapportaw l-ammonti ta' rkaptu tas-sajd skartat miġbur, u dawn l-ammonti huma meħtieġa biex tiġi kkalkolata r-rata tal-ġbir; u (ii) ftit pajjiżi biss ipprovdeu data volontarja mqasma skont it-tip ta' materjal u ta' rkaptu tas-sajd.

Il-pajjiżi spiss qalu li huma mistennija jtejbu l-kompletezza tar-rapportar fis-snin li ġejjin, speċjalment bis-saħħa ta' sistemi tal-EPR li għandhom jiġu stabbiliti mill-1 ta' Jannar 2025.

## Affidabbiltà

Il-pajjiżi spiss irreferew għal kwistjonijiet ta' limitazzjonijiet u akkuratezza tad-data. Il-metodi ta' verifika tad-data ntużaw biss minn għadd limitat ta' pajjiżi (17 għall-entrata (a), 22 għall-entrata (b) u 9 għall-entrata (d)), u l-metodi użati l-aktar ta' spiss kienu l-kontrolli tal-kompletezza tad-data u l-kontroverifiki. Ġew identifikati diversi kwistjonijiet ta' akkuratezza (ara l-Anness 10), speċjalment għad-data dwar is-CfBs u l-FCs, fejn il-kampjunar u l-kopertura kienu l-kwistjonijiet li ġew iddikjarati l-aktar ta' spiss. Il-limitazzjonijiet tad-data u l-kwistjonijiet ta' akkuratezza jeħtieġu kawtela fil-interpretazzjoni tad-data.

It-tqabbil tad-data rrapportata bejn il-pajjiżi jgħin ukoll fil-valutazzjoni tal-affidabbiltà tad-data. Pereżempju, il-valuri *per capita* wrew varjetà kbira, li tissuġġerixxi jew: (i) sottorapportar possibbli (pereżempju minħabba sforzi limitati ta' ġbir tad-data); jew (ii) rapportar eċċessiv minn xi pajjiżi (pereżempju, data li tkopri ambitu usa' minn dak li d-Direttiva dwar l-SUP beħsiebha timmonitorja). Id-data rrapportata dwar l-irkaptu tas-sajd uriet ukoll valuri estremament differenti bejn il-pajjiżi, li ħafna minnhom iddikjaraw limitazzjonijiet sinifikanti tad-data għal din l-ewwel sena ta' rapportar.

Għalkemm l-ambitu tar-rapportar u l-istatistika dwar l-imballaġġ tal-plastik irrapportata skont id-Direttiva dwar l-SUP ivarjaw parzjalment<sup>10</sup>, it-tqabbil tal-valuri rrapportati mal-istatistika dwar l-iskart

---

<sup>9</sup> Erba' pajjiżi biss imlew l-informazzjoni obligatorja, jiġifieri billi jispeċifikaw (iva/le) jekk kellhomx kull tip ta' miżura fis-seħħ fil-pajjiż. Il-pajjiżi l-oħra pprovdeu ukoll mill-inqas xi informazzjoni volontarja li għamlitha possibbli li tiġi identifikata l-miżura speċifika (URL / referenza tad-dokument ta' politika) jew is-sena tad-dħul fis-seħħ. 20 pajjiż imlew ukoll kampijiet ta' informazzjoni volontarja addizzjonali, jiġifieri l-ambitu ġeografiku tal-miżura, l-atturi fil-mira, in-natura obligatorja/volontarja tal-miżura, eċċ. Madankollu, l-informazzjoni ġeneralment ġiet ipprovduta b'lakuni frekwenti.

<sup>10</sup> L-oġġetti li ma jintużawx darba biss jaqgħu taħt l-ambitu tad-data dwar l-iskart mill-imballaġġ iżda għalhekk ma humiex koperti mid-Direttiva dwar l-SUP, u viċi versa. Pereżempju, l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża ma huwiex kopert mid-Direttiva dwar l-SUP iżda jitqies bħala imballaġġ. Bl-istess mod, it-tazez għax-xorb tal-SUP u l-kontenituri tal-ikel tal-SUP li jinbiegħu vojta mingħajr l-ebda intenzjoni li jimtlew fil-punt tal-bejgħ huma prodotti tal-SUP iżda ma jitqisux bħala imballaġġ.

mill-imballaġġ tal-plastik<sup>11</sup> (għall-entrati (a) u (c)) jista' jagħmilha possibbli li tiġi vvalutata l-affidabbiltà taċ-ċifri.

Id-differenzi bejn iż-żewġ settijiet ta' data jistgħu jindikaw kwistjonijiet potenzjali ta' akkuratezza. Pereżempju, filwaqt li l-piż totali tal-plastik<sup>12</sup> tas-CfBs u tal-FCs irrapportat fl-entrata (a) jirrappreżenta bħala medja qrib it-8 % tal-volum tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat fl-istess sett ta' pajjiżi, il-valuri tal-pajjiżi varjaw bejn 2 % u 23 %. Bl-istess mod, l-ammonti totali ta' fliexken tal-SUP introdotti fis-suq jirrappreżentaw 19 % tal-volum tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat bħala medja fil-pajjiżi kollha (b'valuri għal kull pajjiż tipikament eqreb tal-valuri għall-imballaġġ tal-plastik introdott fis-suq ta' dak il-pajjiż), iżda l-valuri għal din il-metrika għadhom ivarjaw minn 0 % għal 69 %.

Għall-entrata (b), l-informazzjoni rrapportata għandha titqies bħala l-ewwel tentattiv għal ħarsa ġenerali ta' liema tip ta' miżuri qed jiġu stabbiliti mill-pajjiżi, peress li l-approċċ bejn il-pajjiżi kien pjuttost varjat, b'informazzjoni limitata li tagħmilha possibbli li jiġu vvalutati l-miżuri rrapportati.

Il-kwistjonijiet ta' akkuratezza ddikjarati għall-entrata (d), fejn ġeneralment kienu mmirati biss atturi/portijiet kbar, jindikaw sottovalutazzjoni potenzjali tal-valuri reali.

### *Tempestività*

L-iskadenza tar-rapportar kienet it-30 ta' Ġunju 2024, u 18-il pajjiż irrapportaw sa din l-iskadenza (16-il pajjiż tal-UE u żewġ pajjiżi taż-ŻEE-EFTA) (l-Anness 7). Tliet pajjiżi oħra rrapportaw b'dewmien żgħir (inqas minn xahar), u r-rapporti li jifdal waslu aktar tard, bl-aħħar pajjiż li sottometta l-fajls tiegħu lejn l-aħħar ta' Novembru 2024. Pajjiż wieħed ma kkonkludix kompletament il-proċess ta' assigurazzjoni tal-kwalità.

Minħabba d-dewmien fir-rapportar f'xi pajjiżi, passi differenti tal-proċess kellhom isiru b'mod parallel għal subsettijiet differenti ta' pajjiżi. Ħafna pajjiżi qalu li l-proċess tal-ġbir tad-data għal oġġetti speċifiċi, bħall-irkaptu tas-sajd, dewwem ir-rapportar tagħhom.

### *Konsistenza*

Matul il-proċess ta' rapportar irriżultaw diversi kwistjonijiet ta' konsistenza, pereżempju: (i) interpretazzjonijiet differenti tal-kontenut li kellu jiġi rrapportat; (ii) valuri rrapportati bħala żero li fil-fatt kienu valuri nieqsa; jew (iii) l-użu ta' unitajiet għajr dawk indikati fil-mudelli tar-rapportar. Dawn il-kwistjonijiet ġew ikkoreġuti kemm jista' jkun matul il-proċess ta' assigurazzjoni tal-kwalità. Madankollu, ir-rapporti li jirriżultaw xorta jippreżentaw xi grad ta' varjazzjoni.

Il-konsistenza maż-żmien se tiġi vvalutata għar-rapportar tas-sena d-dieħla. Huwa mistenni li l-kwalità tad-data se titjieb, abbażi tal-esperjenza miksuba din is-sena.

## 4. Rakkomandazzjonijiet għal titjib

Ir-rapportaturi apprezzażaw ħafna l-appoġġ offrut matul il-proċess ta' rapportar mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni (ara l-Anness 8). Madankollu, xi aspetti jistgħu jittejjbu għar-rapportar futur, u ħamsa minnhom huma stabbiliti fil-punti ta' hawn taħt.

<sup>11</sup> Statistika tal-Eurostat "[Packaging waste by waste management operations](#)". Ta' min jinnota wkoll li: (i) l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik xorta għandu mnejn jiġi sottovalutat f'xi pajjiżi, kif instab mill-valutazzjonijiet ta' twissija bikrija ([EEA, 2022](#)), abbażi tad-data sal-2019; u (ii) l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik ilu jiżdied b'mod kostanti mill-2009.

<sup>12</sup> Is-somma tal-piż għal oġġetti magħmula kompletament mill-plastik flimkien mal-kontenut tal-plastik għal oġġetti magħmula parzjalment mill-plastik.

- **Nomina ta' rapportaturi ewlenin.** Il-pajjiżi għandhom jiżguraw il-kontinwità tal-proċess, iżommu lill-Kummissjoni infurmata dwar il-bidliet fit-timijiet ta' rapportar, u jiżguraw rapportar f'waqtu, minħabba d-dewmien sinifikanti ta' din is-sena.
- **Ġbir tad-data mill-pajjiżi.** Ġeneralment, il-pajjiżi rrapportaw biss id-data obligatorja. Aspetti bħall-movimenti, il-flussi kummerċjali, il-profittaturi, eċċ. ma ġewx irrapportati, minkejja r-rilevanza tagħhom f'xi pajjiżi. Id-deskrizzjoni tal-miżuri meħuda mill-pajjiżi biex inaqqsu l-konsum (entrata (b)) kienet ukoll pjuttost batuta b'mod ġenerali, u b'hekk valutazzjoni xierqa kienet impossibbli. Barra minn hekk, ir-riżultati mill-istħarriġ imwettaq fi tmiem il-perjodu ta' rapportar din is-sena (ara l-Anness 8) juru li: (i) il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi ma jistennewx li d-data mis-sistemi tal-EPR stabbiliti skont id-Direttiva dwar l-SUP tkun disponibbli għar-rapportar tal-2025 (sena ta' referenza 2023); u (ii) ftit pajjiżi biss diġà identifikaw sorsi tad-data għaż-żewġ obbligi ta' rapportar addizzjonali għall-2025 (jiġifieri l-entrati (e) u (f) fit-Tabella 1). Għalhekk, huwa mhegġegħ li jittejjeb ir-rapportar tad-data obligatorja u volontarja, għall-entrati kollha dovuti fl-2025. Huma rakkomandati skambji bejn il-pajjiżi dwar l-aħjar prattiki u kollaborazzjoni aktar mill-qrib fil-pajjiżi bejn il-kollegi li jaħdmu fuq l-istatistika tal-industrija u dik tal-iskart.
- **Mili tal-mudelli tar-rapportar.** Huwa mhegġegħ ħafna li jittieħed vantaġġ sħiħ mill-appoġġ ipprovdut lir-rapportaturi mill-Kummissjoni sabiex it-tnejn li huma: (i) iżidu l-konsistenza u ċ-ċarezza tad-data u tal-informazzjoni rrapportata; u (ii) inaqqsu l-piż fuq il-proċess ta' assigurazzjoni tal-kwalità. Għandha tingħata attenzjoni partikolari liż-żewġ kampijiet li ppreżentaw aktar sfidi matul ir-rapportar tal-ewwel sena<sup>13</sup> u l-obbligi l-ġodda ta' rapportar dwar l-entrati (e) u (f).
- **Simplifikazzjoni tal-format tar-rapportar.** Minħabba l-għan tal-Kummissjoni li tnaqqas il-piż tar-rapportar, il-mudelli tar-rapporti ta' verifika tal-kwalità jistgħu jiġu ssimplifikati. L-użu tal-istess struttura biex jiġu rrapportati s-sorsi tad-data/il-metodoloġiji, il-metodi ta' verifika u l-kwistjonijiet ta' akkuratizza jżid il-konsistenza bejn il-flussi tad-data u l-pajjiżi differenti.
- **Paragun matul iż-żmien.** Is-sorsi tad-data u l-metodoloġiji użati għar-rapportar ta' xi data koperta din is-sena huma mistennija li jinbidlu fil-futur. Se jkun importanti għall-pajjiżi li jirrapportaw il-bidliet fis-sorsi tad-data u fil-metodoloġiji b'mod kompletament trasparenti, u jispjegaw id-differenzi fid-dettall, filwaqt li jagħmlu distinzjoni bejn l-impatt potenzjali tal-miżuri fis-seħħ u l-bidliet fis-sorsi tad-data u fil-metodoloġiji sottostanti.

## 5. Konklużjonijiet

Dan l-ewwel rapportar għas-sena ta' referenza 2022 jipprovdi għarfien inizjali dwar il-livelli ta' konsum u r-rati ta' ġbir separat fost il-pajjiżi tat-tliet oġġetti tal-SUP koperti (CfBs, FCs u fliexken tax-xorb) u tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik.

Skont id-Direttiva dwar l-SUP, dan l-ewwel ċiklu ta' rapportar huwa maħsuba biex jistabbilixxi linja bażi biex jitkejjel il-konsum tas-CfBs u tal-FCs tal-SUP, bil-ħsieb li possibbilment jiġu introdotti miri vinkolanti għat-tnaqqis tal-konsum fil-livell tal-UE. Dan l-ewwel ċiklu ta' rapportar huwa maħsub ukoll biex jipprovdi bażi għall-valutazzjoni ta' miżuri addizzjonali possibbli għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik wara l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-SUP (fl-2027), inkluż l-iffissar potenzjali ta' rati ta' ġbir vinkolanti għall-irkaptu tas-sajd skartat. Il-valutazzjoni tad-data u tal-informazzjoni pprovduti f'dan ir-rapport turi xi elementi ewlenin li għandhom jitqiesu meta tiġi kkunsidrata din id-data ta' referenza, bħall-varjabbiltà konsiderevoli fil-metodoloġiji bejn il-pajjiżi u kwistjonijiet frekwenti ta' akkuratizza.

<sup>13</sup> Pereżempju, il-kampijiet tad-data differenti għar-rapportar tal-entrata (a), il-klassifikazzjoni tal-miżuri għall-entrata (b), ir-rapportar tas-sorsi tad-data/tal-metodoloġiji għall-entrata (c) jew il-fatturi ta' diżaggregazzjoni u ta' konverżjoni għar-rapportar tal-entrata (d).

Id-data tas-sena d-dieħla se tipprovdi l-ewwel punti ta' data li se jagħmluha possibbli li jiġu mmonitorjati x-xejriet. Dan se jagħmilha aktar faċli biex wieħed jifhem jekk it-tnaqqis fil-konsum huwiex qed iseħħ b'livell għoli ta' ambizzjoni għas-CfBs u għall-FCs, kif speċifikat mid-Direttiva dwar l-SUP. Se jagħmilha wkoll possibbli li jiġi mmonitorjat liema miżuri għat-tnaqqis tal-konsum għadhom fis-seħħ, u kwalunkwe miżura ġdida, speċjalment dawk relatati mad-Direttiva dwar l-SUP. Se tkun meħtieġa analiżi aktar dedikata biex tinftiehem ir-rabta bejn ix-xejriet fil-konsum osservat u l-miżuri stabbiliti, peress li dawn ix-xejriet ma jistgħux jiġu vvalutati biss abbażi tal-informazzjoni pprovduta mir-rapportaturi skont il-formati ta' rapportar kurrenti.

Fir-rigward tal-ġbir separat tal-fliexken tax-xorb tal-SUP, ir-riżultati juru li ħafna pajjiżi jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jilħqu l-mira tal-2025. Id-data tas-sena d-dieħla se tagħmilha possibbli li jiġi mmonitorjat aktar il-progress tal-pajjiżi. Id-data se tagħmilha wkoll possibbli li: (i) jiġu vvalutati x-xejriet għall-ġbir tal-irkaptu tas-sajd skartat; u (ii) jinftiehem aħjar l-aspetti pożittivi u l-isfidi reali tad-data li ġejja mis-sistemi tal-EPR li għadhom kif ġew stabbiliti.

Fl-aħħar nett, l-informazzjoni miksuba minn dan l-ewwel rapportar u r-rapportar fis-snin li ġejjin se tipprovdi informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-SUP (mistennija f'Lulju 2027).

## 6. Annessi

### Anness 1: Miżuri ta' tnaqqis tal-konsum skont il-kategorija u s-subkategorija (entrata (b))

Il-miżuri ekonomiċi fis-seħħ kienu jinkludu dan li ġej.

- L-obbligi tal-EPR (21 pajjiż), l-aktar relatati mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet obbligatorji tad-Direttiva dwar l-SUPs.
- L-akkwist pubbliku ekoloġiku (APE) (14-il pajjiż), marbut ma' sistemi obbligatorji, sistemi volontarji u politiki nazzjonali usa' tal-APE. Fir-rapporti tal-pajjiżi, mhux dejjem kien kompletament ċar x'kienu d-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-APE għas-CfBs u għall-FCs tal-SUB.
- Strumenti li jiżguraw skontijiet għall-konsumaturi li jużaw alternattivi li jistgħu jerġgħu jintużaw (12-il strument għas-CfBs u seba' strumenti għall-FCs). Dawn il-miżuri ta' spiss kienu volontarji, u f'xi każijiet ġew applikati fil-livell sottonazzjonali.
- Imposti fuq in-negozji li jqięghdu dan it-tip ta' oġġett fis-suq (11-il pajjiż), li ġeneralment kienu obbligatorji u applikati fil-livell nazzjonali.
- Sussidji/imposti mnaqqsas għall-operaturi b'alternattivi li jistgħu jerġgħu jintużaw (f'ames pajjiżi kellhom dawn għas-CfBs u sitt pajjiżi kellhom dawn għall-FCs).

L-aktar miżuri frekwenti għas-sensibilizzazzjoni kienu:

- kampanji biex titqajjem kuxjenza dwar l-impatti ambjentali negattivi tas-CfBs/tal-FCs tal-SUP (21 u 20 pajjiż, rispettivament);
- Il-promozzjoni ta' alternattivi sostenibbli għall-FCs tal-SUP (eż. kontenituri tal-ikel li jistgħu jerġgħu jintużaw) (20 pajjiż kellhom dawn stabbiliti għat-tazze u 18-il pajjiż kellhom dawn stabbiliti għall-kontenituri tal-ikel).

L-aktar miżuri frekwenti għall-promozzjoni ta' alternattivi sostenibbli kienu:

- il-promozzjoni ta' sorsi pubbliċi b'xejn ta' ilma tax-xorb li jħeġġu lin-nies iġibu tazza li tista' terġa' timtela jew li jixorbu mill-vit (16-il pajjiż);
